**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Harry Saliba**

**Kaz Nru: 1012/2013**

**Illum 28 ta' Settembru 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Harry Saliba ta' 54 sena bin Harry Anthony u Theresa xebba Marmara, imwieled tas-Sliema fit-18 ta' Jannar 1959 residenti gewwa 3, Triq il-Kamelja, Santa Lucija u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 165859M

Talli nhar is-16 t'Awwissu 2013 minn gewwa JC ironmongery li jinstab gewwa Triq il-Palma Hal Tarxien, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa ggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) u ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta' Francesca Caruana minn Hal Tarxien u/jew persuni ohra.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat Harry Saliba, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur.

L-Ispettur Jurgen Vella[1]xehed li fid-19 ta' Awwissu 2013 ghall-habta tas-2.30p.m. Francesca Caruana ghamlet rapport l-Ghassa tar-Rahal Gdid dwar dak li allegatament gara tlett ijiem qabel wara nofsinhar ghall-habta tat-3.00p.m. fil-hanut taz-zebgha taghha, JC Ironmongery, li jinsab 32, Triq Palma, Hal Tarxien. Hija rrapportat li dakinhar tas-16 ta' Awwissu 2013 dahal persuna u kien hallasha b'karta tal-€500 billi ma kellux flus izghar. Huwa kien xtara prodotti li kienu jiswew madwar €10. Hija sostniet li kienet dahlet gewwa sabiex iggib xi bqija gewwa l-hanut stess u kienet tatu s-somma ta' €450 f'karti tal-hamsinijiet u kienet tatu l-kumplament tal-€50 li kien fadal bqija. Kienet tatu karta tal-€20 imbaghad baqghet niezla bil-flus zghar. Hija qalet li dak il-hin bil-fixkla tal-flus u peress li kien hemm ukoll xi klijenti ohra din il-karta tal-€500 li kien ghaddilha Harry Saliba kienet hallietha fuq il-bank fejn kien hallieha huwa stess imbaghad meta Harry Saliba ha l-bqija lura ha l-karta wkoll. Hija qalet li dak il-hin ma ndunatx izda ndunat meta biex taghlaq filghaxija ghaliex il-karta tal-€500 ma sabithix. Billi ghandha nstallata sistena' tas-sigurta' hija ccekjat fuq ic-CCTV cameras u rat li l-karta tal-€500 kienet baqghet fejn halliha Harry Saliba sakemm din ghadditlu l-bqija u hija qatt ma qabditha biex dahlitha gol-kexxun. Hija stqarret li mil-filmat Saliba deher jigbor dawn il-flus, il-bqija li kienet tatu mill-€500 u seta' wkoll kien hemm din il-karta tal-€500 li hu hadha wkoll mieghu.

Sussegwenti ghal dan ir-rapport, l-Ispettur Vella jixhed li rega' kellimha u hija kkonfermat dak kollu li qalet fir-rapport u staqsiha biex tipprovdilu s-sistema tal-footage tas-CCTV camera li ghandha

[1] Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

installatha fil-hanut taghha. Wara li ghadditilu huwa ghadda l-filmat lil Forensika li hargulu 4 stilts.

L-Ispettur Vella kien ottjena mandat ta' arrest fil-konfront ta' l-imputat. Kien baghat ghalih u mar l-ghassa nhar l-24 ta' Settembru 2013. Fl-istqarrija tieghu cahad li ha din il-€500. Huwa stqarr li kien minnu li mar jixtri mill-hanut ta' Francesca Caruana. Qal li Caruana kienet ghadditlu l-bqija tal-€500 pero' l-€500 qatt ma hadha. Huwa qallu li Caruana kienet avvicinatu qabel ma kienu baghtu ghalih il-pulizija fejn kienet ikkonfrontatu b'din l-allegazzjoni izda huwa cahad maghha wkoll. Fl-istqarrija l-imputat kien qal li l-karta tal-€500 kienet dahlitha fil-kexxun u huwa gabar biss id-9 karti tal-€50 u l-bqija li kien fadal tal-€50.

Francesca Caruana[2] ikkonfermat fix-xhieda taghha li fid-19 ta' Awwissu 2013 kienet ghamlet rapport lil Pulizija. Hija xehdet li ma qablitx ezatt ma' dak li qal l-Ispettur. Dan ghaliex il-karta tal-€500, zammitha f'idha, dahlitha maghha u regghet hargitha. Hija xehdet li l-imputat mar jixtri xi cilindru ta' serratura. Qalilha li karta tal-€500 biss kellu. Hija tatu l-bqija tal-ewwel €50 u marret gabitlu l-ohrajn minn gewwa. Meta marret lura qalilha li tatu l-bqija hazin u sabet li tatu €10 zejda u ghamlitha fuq il-bank taghha. Imma mbaghad kompliet mal-klijenti l-ohra u l-€500 il-hin kollu tmissha u taghmilha post imbaghad iehor. Tatu l-flus minn idejha ghal idu l-fl-ahhar qabad il-€500, dawwarha maghhom u ghamilha fil-but u hareg u hija ma ndunatx. Indunat l-ghada filghodu ghax €500 ma kellhiex ohra. L-ewwel fittxet kullimkien. Bdiet imbaghad tfittex fil-camera. F'nofsinhar marret tghid lill-imputat u staqsitu *"ghal li jista' jkun hadtha?"*. Cahad li hadha u qaltlu issa jirrizulta mill-camera. Baqghet tfittex fil-camera u ma kellhiex dubju. Tixhed li ma' l-ewwel daqqa t'ghajn hu gabarha. Regghet marret tghidlu d-dar tieghu u wissiethu li ma kinitx se tieqaf hemm il-kwistjoni. Qaltlu biex ifittex fejn ried ghaliex ghandu riedet tkun ghaliex jidher li hadha, forsi waqghet fit-triq imma jidher li hadha. Ghamilha fil-but u jista' jkun li waqaghtlu imma ghailija kienet cara bizzejjed li hadha. Tghid li l-karta hallietha fuq il-bank. Il-hin kollu kienet qeghda qiesha ttir bil-fann imma hija tghid li rat mossa li minn naha ghamilha ma' l-ohrajn, ghamilha fil-but u hadha. Hija tghid li qatt ma dahlet il-karta tal-€500 fil-kexxun. Fuq il-bank kien hemm hafna affarijiet izda flus aktar ma kienx

[2] Seduta tal-5 ta' Gunju 2014

hemm. Il-filmat gie migbud mill-kamera taghha mill-pulizija[3]. In kontro-ezami tikkonferma li kellha relazzjoni mal-imputat qabel dan l-incident. Tghid li lill-imputat ilha tafu madwar seba' snin u kien klijent taghha matul dan iz-zmien. Il-cash register qieghed fuq il-bank imbaghad ghandha kexxun tal-injam li fih izzomm il-flus. Fil-cash register kemm tippancja u flus ma zzommx fiha.

Illi l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Xehed li lil Francesca Caruana ilu b'kollox jafha xi hdax-il sena u ghal xi gimghat kellu relazzjoni maghha. Xehed li fis-17 ta' Awwissu 2013 filghodu Francesca Caruana marret id-dar tieghu tistaqsih jekk kellux il-€500 taghha. Staqsithu jekk ghal li jista' jkun kienx gabarha u hadha mieghu mill-hanut taghha billi kien hemm il-gurnata ta'qabel biex jixtri serratura. Ighid li tela' fil-kamra tas-sodda tieghu u hadilha l-wallet u fethu quddiemha. Qaltlu li kienet se terga' ticcekkja. Jispjega li dakinhar filghodu kienet nqasmitlu c-cavetta fil-lock tas-serratura. Jispjega li ftit wara s-2.30p.m. mar il-hanut. Kien hemm persuna wahda quddiemu. Wrieha l-lock tal-bieb. Dahlet fuq wara tal-hanut u gabitlu zewg locks biex jaghzel. Ghazel wahda. Qalilha li kellu biss karti tal-€500. Jixhed li mhux l-ewwel darba li mar jixtri xi haga u jmur ihallasha l-ghada. Qaltlu li ma kinitx problema u kienet se ssarraflu. Taha l-€500. Iccekjatha u l-karta ma rahiex aktar. Tatu l-bqija tal-ewwel hamsin. Bla kliem qalilha li kien hemm zball. Hadithom minn idejh u hadet €10 u tatu l-kumplament lura fuq il-bank. Imbaghad minn taht il-bank nizlet, harget roll tal-€50 u tatu 9. il-karta tal-€500 ma regax ra. Jispjega li fuq in-naha tal-lemin taghha Caruana ghandha l-kexxun u fuq in-naha tax-xellug ghandha l-cash register u dawn jintuzaw it-tnejn. Jghid li xtara minn dan il-hanut mijiet ta' drabi. Huwa kien jaf li fil-hanut hemm cameras ghaliex kienet qaltlu hija stess ghaliex kellha problema b'shop lifting.

In kontro-ezami jispjega li li fil-bidu hija tatu bqija tal-ewwel hamsin. Tatu zewgt euro, euro, karta ta' ghoxrin u tnejn tnejn ta' l-ghaxra. Tathomlu direttament f'idejh u gibdilha l-attenzjoni li kellha zball ghaliex tatu aktar. Hija tatu l-flus lura u kienu fuq il-bank fuq in-naha tal-lemin tieghu. Hallihom fuq il-bank. Imbaghad gabitlu l-bqija tal-flus l-ohrajn u tathomlu f'idejh. Imbaghad tefa' kollox fil-but. Meta fil-filmat jidher li minn fuq il-bank ha xi flus dawk kienu l-bqija ta' l-ewwel hamsin euro. Huwa jichad li l-karta tal-€500 kienet fuq il-bank

[3] Hekk kif ikkonfermat minn PC 453 Brian Cassar fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2014

u huwa gibidha flimkien mal-bqija tal-€50. Jixhed ukoll li dakinhar kellu fuqu €5,500 billi kien ghadu kif ghalaq kont tieghu.

Illi din il-Qorti rat ghal diversi drabi l-filmat li gie ezebit fl-atti bhala Dok JV4[4]. Minn dan il-filmat jemergi s-segwenti:

- Tinnota li fuq il-bank tal-hanut hemm hafna affarijiet fuq u fejn xulxin.
- L-imputat evidentement qal lill-parte civile x'ried ossija lock ta' serratura tant li wrieha c-cavetta. Hija dahlet gewwa u ftit wara gabet maghha kaxxa li kellha fiha serraturi. Turih wahda minnhom u huwa jerga' juriha c-cavetta. Jaghzel wahda u minn gol-kartiera johrog karta ta' flus li mhux kontestat li kienet ta' €500. L-imputata juri l-karta tal-flus lis-sinjura Caruana u l-versjoni tal-parte civile u l-imputat tikkombaca li huwa qalilha li ghandu €500 u li hija kienet se ssarrafilu. Caruana hadet il-karta tal-€500 f'idejha. Qabel xejn nehhiet xi affarijiet li kellha fuq il-bank quddiem il-cash register. Fethet il-cash register u tat lill-imputat l-bqija ta' €50. Il-karta ta' €500 baqghet f'idejha ghal ftit u imbaghad poggitha fuq il-bank fuq ix-xellug taghha. Hija ccaqalqet minn quddiem il-bank bil-karta tal-flus ta' €500 f'idejha. Ma baqghetx tidher aktar fil-filmat ghal ftit hin.
- Fil-frattemp li s-sinjura Caruana marret igib il-bqija, l-imputat jidher li qieghed jiccekkja s-serratura u ccekkja wkoll il-bqija li kienet ghadha kif tatu Caruana. Il-flus baqghu dejjem f'idejn l-imputat. Rega' ccekkja l-bqija. Hekk kif terga' tiffaccja Caruana fil-filmat b'ammont ta' karti ta' flus f'idejha (li mhumiex identifikabbli inkwantu l-valur taghhom), hija tati karta tal-flus (parti mill-bqija dovuta lilu) u l-imputat tefa' l-karta tal-flus fuq xi affarijiet li kien hemm fuq il-bank. Hekk kif Caruana bdiet turih u tghodd il-flus li kellha f'idejha, l-imputat jidher li qieghed jigbdilha l-attenzjoni li kienet tatu bqija hazina fis-sens li tatu zzejjed. Hija vverifikat u ghaddithom ghal darbtejn zgur u haditlu karta tal-flus li kellu f'idejh, skonthom kienet €10. Caruana tefghet xi karta tal-flus fuq il-bank. Il-karta tal-flus li l-imputat kellu f'idejh precedentement u li kien tefa' fuq xi affarijiet fuq il-bank giet imcaqalqa minn Caruana min-naha ghall-ohra. Tatu diversi karti tal-flus u fethet il-cash register u tefghet xi flus fiha. L-imputat ha l-flus li tatu u gabar ukoll il-karta tal-flus li kienet fuq l-affarijiet fuq il-bank quddiemu. Din kienet l-istess karta tal-flus li ftit qabel l-

[4] A fol 24 tal-process.

imputat kellu f'idu u pogga fuq l-istess affarijiet u li Caruana kienet caqalqet.

Minn dan kollu jirrizulta li l-versjoni moghtija mill-imputat fix-xhieda tieghu u fl-istqarrija (li kienet konsistenti) hija fil-fatt dak li sehh ossija li ma kienx l-imputat li gabar il-karta tal-€500 jew li ha l-€500 kif gie akkuzat. Mill-filmat dan ma jirrizultax hekk kif spjegat aktar 'il fuq. Oltre' dan ma jistax ma jigix innutat li kif l-istess imputat induna li kellu bqija zejda mill-ewwel gibed l-attenzjoni ta' l-istess Caruana. Dan ukoll ikompli jikkorobora l-versjoni moghtija mill-istess imputat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnha.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat